C/2024/1622

19.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11309 – KINGPSAN / NWG)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1622)

1. Fid-9 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kingspan Holdings Ireland Limited ("Kingspan", l-Irlanda)

— Nordic Waterproofing Group AB ("NWG", l-Iżvezja)

Kingspan se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' NWG.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fl-10 ta' Ottubru 2023.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Kingspan hija attiva fil-manifattura ta' membrani tas-soqfa u li ma jgħaddix ilma minnhom, pannelli iżolati sandwich, twavel ta' iżolament, soluzzjonijiet ta' arja ħafifa, enerġija mill-ilma, u teknoloġija ta' *data* tal-pavimenti madwar id-dinja,

— NWG hija attiva fl-iżvilupp, il-manifattura u l-provvista ta' prodotti u soluzzjonijiet li ma jgħaddux ilma minnhom għall-protezzjoni tal-bini u l-infrastruttura, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ta' installazzjoni komplementari, fiż-ŻEE, prinċipalment fir-reġjun Nordiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11309 – KINGSPAN / NWG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").